# Għexieren ta' Bagħdan Ħomor protetti massakrati mill-kaċċaturi matul il-lejl

## Il-kontroll tal-infurzar tal-kaċċa jisfaxxa fix-xejn riżultat tal-amnestiji fuq il-kollezzjonijiet tat-tajr ibbalzmat

Voluntieri u membri ta' BirdLife Malta lbieraħ raw iseħħ quddiem għajnejhom massakru orribbli tal-kaċċa hekk kif waqa' l-lejl. Massakru li fih inqerdet qatgħa tajr tal-priża protett li kienet qed tipprova ssib post fejn tqatta' l-lejl f'Delimara. Ftit qabel inżul ix-xemx tal-bieraħ, qatgħa ta' madwar 30 għasfur tal-priża, l-aktar Bagħdan Homor (Western Marsh-harriers), kienu osservati fl-għelieqi fl-inħawi f'Tas-Silġ, Delimara, fil-limiti ta' Marsaxlokk. Numru ta' kaċċaturi dehru qed isegwuhom sa xħin dalam u dan wassal biex it-timijiet ta' BirdLife Malta baqgħu għassa matul il-lejl. Ftit sigħat wara nżul ix-xemx, instemgħu diversi tiri u bl-użu ta' tagħmir apposta għal matul il-lejl, il-massakru kien iffilmjat. Il-pulizija ġiet infurmata u wara ftit, tim mir-Rapid Intervention Unit (RIU) – mhux uffiċjali mill-Environmental Protection Unit (EPU) – wasal fl-inħawi. Il-membri tal-RIU ma kinux ċerti x'jaqbdu jagħmlu u waslu tard wisq biex jinqabdu s-suspettati.

It-timijiet tagħna baqgħu fuq il-post matul il-lejl kollu u ma' tlugħ ix-xemx fittxew iż-żona fejn sabu ħames Bagħdan Homor, li erbgħa minnhom kienu għadhom ħajjin imma kienu qed isofru minn feriti, waqt li ieħor instab mejjet. Ix-xena orribbli ħalliet lil dawk preżenti xxukkjati u ġiet ikkuntattjata mill-ġdid il-pulizija biex tgħin fit-tfittxija u tgħaddi l-għasafar feruti lill-veterinarji tal-gvern kemm jista' jkun malajr.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana rreaġixxa: "Dan huwa xokkanti u inaċċettabbli. Ma għandniex noqogħdu nduru mal-lewża; dan il-massakru huwa tort ta' dawk li taw amnestiji lill-kaċċaturi li ddikjaraw li għandhom aktar minn 500,000 għasfur protett fil-kollezzjonijiet ta' tajr ibbalzmat tagħhom. Huwa tort tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU) li falliet bil-kbir fil-kontroll tal-listi li ddikjaraw il-kaċċaturi. Dawn il-listi ma baqgħux jiġu ċċekkjati u dan ippermetta li l-kaċċaturi llum jistgħu jkomplu joqtlu tajr protett u jżiduhom mal-kollezzjonijiet tagħhom, inkella mal-kollezzjonijiet ta' dawk li lesti jħallsu

għat-tajr ibbalzmat. Fuq din il-materja għaddejja attività inaċċettabbli bil-barka tal-gvern tal-pajjiż. Għalfejn taħsbu li l-kaċċaturi qed joqtlu dawn l-għasafar protetti? Għalfejn żagħżugħ joqtol erba' Fjamingi fil-Ponta tal-Qawra u jaqbeż il-baħar biex jiġborhom? Għalfejn taħsbu li żewġ membri tal-familja u balzmaturi magħrufin f'Għawdex jinqabdu ripetutament bil-karkassi, imma ftit li xejn jista' jsir minħabba lakuni fil-liġi? Kif tista' tispjega li wieħed minn dawn il-balzmaturi jidher ta' kuljum fil-kumpanija tal-Ministru Clint Camilleri matul il-kampanja elettorali imma l-pulizija ma jirnexxilhomx isibuh biex jinnotifikawh b'seduti tal-Qorti? Din hi attività fuq skala kbira li tinvolvi kaċċaturi, politiċi u uffiċjali tal-infurzar."

BirdLife Malta qed titlob li l-Prim Ministru jeħodha f'idejh li jiżgura li l-iċċekkjar tal-listi ta' speċi protetti fil-kollezzjonijiet tal-kaċċaturi jibda immedjatament. Esperti tal-għasafar fi ħdan l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għandhom jiġu mitluba jieħdu ħsieb dan il-proċess. Aħna ninsistu wkoll li l-infurzar tar-reati kriminali marbuta man-natura jittieħed bis-serjetà u li wieħed ma jinsiex li Malta diġà qed tiffaċċja Proċeduri ta' Ksur mibdija mill-Kummissjoni Ewropea fuq dan is-suġġett.

Il-Kap tal-Konservazzjoni ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara kkonkluda: "Aħna se nibqgħu preżenti kemm jista' jkun fil-kampanja biex ngħinu fil-ħarsien tal-għasafar tal-passa. Se nkunu qed nipprovdu wkoll rapport dettaljat lill-Kummissjoni Ewropea fuq dan l-inċident partikolari, u oħrajn tal-passat riċenti, flimkien ma' elenku tas-sitwazzjoni attwali b'rabta mal-amnestiji tal-imgħoddi li huma l-kawża tal-kaċċa illegali rampanti u dejjem tiżdied fuq speċi protetti f'Malta."

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Ritratti mehmużin:**
- Massakru ta' Bagħdan Ħomor protetti f'Delimara (tliet ritratti). Ritratti ta' BirdLife Malta

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/t-DZTdpvhAD8**
**Segwi l-filmati fuq YouTube hawn: https://youtu.be/LiFiwG1YVOc**
- Massakru ta' Bagħdan Ħomor protetti f'Delimara. Filmati ta' BirdLife Malta, muntaġġ ta' Nathaniel Attard